**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JUR. (EUR LAW).**

**Seduta Nru :**
**Appell Nru: 180/2001**

**Il-Pulizija ( Spettur Marisa Camilleri )**

**Vs**

**PIERRE GRECH**

**Illum, 11 ta'Frar, 2002.**

Il-Qorti :

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra Pierre Grech talli f'Haz-Zabbar, fid-29 ta'Lulju, 2001, ghal habta tas-7.30 ap.m., u fil-gimghat ta'qabel, dejjaq u mmolesta lill-martu Joanne Grech.

Rat is-sentenza moghtija fit-28 ta'Settembru, 2001, mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali li biha sabet lill-Pierre Grech hati ta' din l-akkuza w kkundannatu ghall-Lm5 ammenda.

Rat ir-rikors t'appell ta'Pierre Grech datat 8 t'Ottubru, 2001, li bih talab li din il-Qorti thassar, tirrevoka w tannulla s-sentenza appellata w tilliberah minn din l-akkuza dedotta kontrih.

Rat l-aggravju ta' l-appellant.

Rat il-provi, id-dokumenti esebiti w l-atti processwali.

Semghet it-trattazzjoni taz-zewg nahat.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi minn dak li setghet tara din il-Qorti, ma hemm xejn x'ticcensura fl-apprezzament tal-provi li sar mill-ewwel Qorti. Dawn kienu provi li in bazi taghhom dik il-Qorti setghet legalment u ragjonevolment tasal ghal dawk il-konkluzzjonijiet li fil-fatt waslet ghalihom.

Mill-banda l-ohra, dak li jidher li gara kien il-fatt li l-appellant u martu kellhom inkwiet fil-hajja matrimonjali taghhom tant li waslu sabiex jipprocedu ghas-separazzjoni personali bejnithom u l-appellant hassu offiz meta, skond hu, allegatament qabadha ma dak li hu jsejjah 'boy friend'. Il-Qorti tifhem u tissampatizza ma' l-appellant ghal din ir-reazzjoni tieghu, izda ma tarax li hemm xi raguni valida legalment ghaliex b'xi mod ghandha tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qaorti kemm ghal dak li hu l-meritu kif ukoll ghal dik li hi l-piena li hi wahda tassew lenjanti w fil-minimu.

Ghalhekk, l-appell ta'Pierre Grecj qed jigi respint u s-sentenza appellata qed tigi konfermatha fl-intier taghha..